# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMHALLFIN**

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**Aġent President**

**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 10 ta' Lulju 2017**

**Numru 2**

**Rikors numru 31/15 LSO**

**Marks and Charles Limited u Joseph Borg**

**v.**

**Avukat Generali**

1. Din hi decizjoni dwar talba ghar-rikuza tal-Imhallef Noel Cuschieri maghmula mill-atturi fl-udjenza tal-20 ta' Marzu 2017, liema talba giet maghmula fit-termini segwenti:

> "[l-attur] jissolleva l-eccezzjoni ta' rikuza fil-konfront … … … tal-Imhallef Noel Cuschieri ghax kien ta decizjoni parzjali tal-Qorti Prim'Awla tat-18 ta' Gunju 2004 u li giet konfermata parzjalment mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' April 2006".

## Il-Fatti Relevanti

2. Dawn il-proceduri jirrigwardaw zewg sentenzi moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza numru 512/1989 fl-ismijiet Joseph Borg *et* v. Joseph Pace *noe et*, wahda parzjali moghtija fit-18 ta' Gunju 2004 meta l-Qorti kienet presjeduta mill-Imhallef Noel Cuschieri u l-ohra finali moghtija fis-17 ta' Gunju 2010 meta l-Qorti kienet presjeduta mill-Imhallef Raymond Pace. Jirrigwardaw ukoll zewg sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' April 2006[1] u fis-27 ta' Gunju 2014[2] rispettivament.

3. Permezz tas-sentenza parzjali moghtija fit-18 ta' Gunju 2004 il-Qorti laqghet l-ewwel zewg talbiet tal-atturi, li jirrigwardaw il-vizzju fil-kunsens kuntrattwali u r-responsabbilità ghad-danni da parti ta' Joseph Pace, allura konvenut, u ordnat il-prosegwiment tal-kawza. Din is-sentenza kienet giet konfermata mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' April 2016.

4. Permezz tas-sentenza finali moghtija fis-17 ta' Gunju 2010, il-Prim Awla cahdet il-kumplament tat-talbiet attrici, jigifieri t-talbiet minn numru 3

1 Komposta mill-allura President tal-Qorti l-Prim Inhallef Vincent Degaetano u l-Imhallfin Joseph David Camilleri u Joseph Filletti.

2 Komposta mill-President tal-Qorti l-Prim Imhallef Silvio Camilleri u l-Imhallfin Joseph Azzopardi u Joseph Zammit Mckeon

san-numru 4 li jirrigwardaw il-likwidazzjoni tad-danni, il-kundanna ta' Joseph Pace ghall-hlas tal-istess u l-inibizzjoni ta' Joseph Pace milli jitrasferixxi l-artijiet meritu ta' dawk il-proceduri. Din is-sentenza giet sussegwentement konfermata mill-Qorti tal-Appell b'sentenza moghtija fis-27 ta' Gunju 2014.

**Mertu**

5. Illi l-meritu tal-proceduri odjerni jirrigwarda s-sentenza finali moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-17 ta' Gunju 2010 u s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Gunju 2014 li kkonfermat l-istess sentenza. Ir-rikorrent qed isostni li b'dawn is-sentenzi gew vjolati d-drittijiet fundamentali tieghu kontemplati fl-artikoli 6 u 7 kif ukoll l-artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea u, billi l-Prim Imhallef Silvio Camilleri kien ippresjeda l-Qorti tal-Appell meta dik il-Qorti tat is-sentenza taghha tas-27 ta' Gunju 2014 intalbet ir-rikuza tieghu f'dawn il-proceduri. Intalbet ukoll ir-rikuza tal-Imhallef Noel Cuschieri li kien jippresjedi l-Prim'Awla tal-Qorti Civili meta nghatat is-sentenza parzjali tat-18 ta' Gunju 2004.

6. Fl-udjenza tas-26 ta' Mejju 2017 il-President tal-Qorti astjena milli jkompli jisma' dan il-kaz, u l-kawza giet differita ghad-debita surroga u

ghall-provvediment fir-rigward tat-talba maghmula fil-konfront tal-Imhallef Noel Cuschieri.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

7. In tema legali din il-Qorti tirribadixxi:

> »11. ... … … Illi f'dan ir-rigward tajjeb jingħad li biex raġuni twassal għall-astensjoni jew għar-rikuża ta' ġudikant din trid tkun waħda konkreta u mhux biss mistħajla. B'mod partikolari ingħad li "il-liġi ma tridx li, sempliċement għax parti jew oħra f'kawża 'tħoss' jew 'jidhrilha' li ġudikant jista' jkun parzjali, allura dak il-ġudikant għandu ma jiħux konjizzjoni ta' dik il-kawża. Apparti l-obbligu li l-liġi timponi fuq il-ġudikant li joqgħod f'kull kawża li tiġi lilu assenjata skond il-liġi u li jastjeni jew jilqa' l-eċċezzjoni tar-rikuża fil-każijiet biss fejn ikun legalment ġustifikat li huwa ma jkomplix jieħu konjizzjoni ta' dik il-kawża, mhux kull 'ħsieb' ta' parzjalita` li jista' talvolta jgħaddi minn moħħ parti jew oħra, jista' jingħad li huwa 'oġġettivament ġustifikat'. It-test oġġettiv ta' l-imparzjalita`, anke kif mifhum mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem jirrikjedi li jkun hemm bażi oġġettivament riskontrabbli [Ara wkoll kazistika citata b'approvazzjoni fil-kaz *App.Inf. Gordon Grixti Fino v. St.Patrick's Salesian School*, deciz 30 ta' Settembru 2015]." [**Dr Joseph Zammit Tabona et vs Direttur Generali tal-Qrati tal-Gustizzja et** moghtija fil-25 ta' Novembru 2016]".

8. Fil-kaz odjern, minn ezami tal-mertu tal-odjerni proceduri jirrizulta car li dan necessarjament jinvolvi kwistjoni ta' kostituzzjonalità/konvenzjonalità *o meno* tas-sentenzi moghtija milll-Prim'Awla tal-Qorti Civili tas-17 ta' Gunju 2010, u tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-27 ta' Gunju 2014 li kkonfermata.

9. Dwar it-talba inkwantu diretta lejn ir-rikuza tal-Imhallef Noel Cuschieri li kien ta s-sentenza parzjali fit-18 ta' Gunju 2004, jirrizulta car li din bl-ebda mod ma tirrigwarda, la direttament u lanqas indirettament, il-meritu tal-proceduri odjerni, ghax dak li qed jigi attakkat bil-proceduri odjerni huma biss is-sentenzi li nghataw sussegwentement, kemm mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili kif ukoll mill-Qorti tal-Appell, u li fihom l-imhallef imsemmi ma kienx involut. Ghaldaqstant it-talba fil-konfront tieghu mhijiex gustifikata fil-ligi.

***Decide***

Ghar-ragunijiet premessi tiddeciedi billi, tichad l-eċċezzjoni ta' rikuża fil-konfront tal-Imhallef Noel Cuschieri in kwantu ma tirriskontra ebda bazi ghar-rikuza tieghu.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>Agent President | Tonio Mallia<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb